# L-Allomorfija fil-Malti

Student:
Raffaello Bezzina

Tutur:
Dr Michael Spagnol

## 1. Introduzzjoni

F'dan l-artiklu nittratta l-allomorfija fil-Malti b'referenza partikolari għall-imtenni. Wara li nintroduċi aspetti ġenerali tal-allomorfija u l-kundizzjonamenti tagħha, niddiskuti t-tipi differenti ta' varjazzjoni fiz-zokk u fis-suffiss li nsibu fil-Malti fil-kategorija tal-imtenni.

## 1.1. X'inhi l-allomorfija

Hemm tliet punti neċessarji li rridu nsemmu biex nifhmu x'inhi l-allomorfija u kif taħdem: a) it-tqegħid tal-allomorfija fil-qafas tal-morfofonoloġija, b) ir-relazzjoni bejn l-allomorfija u l-varjazzjoni, u ċ) is-sinkronija u d-dijakronija vis-à-vis l-analiżi allomorfika.

L-allomorfija taqa' taħt l-istudju morfofonoloġiku, għax hemm konnessjoni ċara bejn l-allomorfija u l-fergħat tal-morfoloġija u l-fonoloġija. Fil-fatt, Berg (2010) jimmetaforizza din ir-relazzjoni bħala kunflitt. Filwaqt li l-morfoloġija tippretendi element ta' konsistenza u trasparenza, il-fonoloġija tesiġi artikolazzjoni faċli. Dan il-kunflitt jista' jirrisolvi ruħu b'żewġ modi; jekk l-influwenza morfoloġika tiddomina, ma jkunx hemm allomorfija, filwaqt li jekk l-influwenza fonoloġika tippersisti, tfiġġ il-varjazzjoni morfofonoloġika (p. 33).

Rabta oħra li jagħmel Berg (2010) hija bejn l-allomorfija u l-varjazzjoni. It-tqegħid tal-allomorfija fi ħdan dan il-kunċett usa' jgħin biex issir il-konnessjoni bejn l-unitajiet kollha lingwistiċi li juru xi forma jew oħra ta' varjazzjoni. F'dan il-kuntest, Berg jagħti eżempju mill-Ingliż li jittratta l-alternanza bejn il-forom sħaħ (strong) u l-forom dgħajfin (weak) bħal fil-frażi *bread [ənd/nd/ən/n] butter* (p. 60). Ilsienna fih ukoll għadd ta' eżempji, li ma jaqgħux taħt l-allomorfija, u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala varjanti. Fost dawn insemmu l-varjanti fonetiċi-ortografiċi, bħal *ċintorin – ċinturin* u *pinnoli – pilloli*. Għalkemm fil-lingwa titfaċċa bosta drabi taħt diversi forom, Berg jargumenta li l-varjazzjoni minnha nnifisha tmur kontra prinċipju universali msejjaħ *Humboldt's Universal*. Dan il-prinċipju jirreferi għar-relazzjoni binarja li bħallikieku għandha teżisti bejn sens wieħed u forma waħda (*one meaning – one form*).

F'bosta xogħlijiet ta' natura allomorfika, spiss jiġi stipulat jekk l-analiżi hix ta' xeħta sinkronika jew dijakronika (McCarvel, 2010; Thornton, 1997 fost oħrajn). Biss, ta' min wieħed iżomm f'moħħu li dawn iż-żewġ modi ta' analiżi jistgħu jaħdmu flimkien biex jipproduċu xogħol aktar komplut. Din ir-relazzjoni hi kkonfermata minn Haspelmath u Sims (2010) li, skonthom, "f'bosta każijiet tal-allomorfija fonoloġika, huwa evidenti li r-raġuni storika għall-eżistenza tar-regola morfofonoloġika, u allura għall-allomorfija, hija li tiffaċilita l-pronunzja"[1] (p. 24).

[1] "In many cases of phonological allomorphy, it is evident that the historical reason for the existence of the morphophonological rule and thus for the allomorphy is to facilitate pronunciation."

## 1.2. Definizzjonijiet

Hawn taħt nippreżenta tliet definizzjonijiet li jiċċaraw il-kunċett tal-allomorfija. Għal aktar definizzjonijiet, wieħed jista' jara t-teżina tiegħi, Bezzina (2020, p. 10).

| Definizzjoni | Sors |
|---|---|
| "...the variation in the phonological shape of morphemes and words..." | Booij, 2012, p. 9 |
| "Sometimes two or more morphs which have the same meaning are in complementary distribution." | Haspelmath & Sims, 2010, p. 15 |
| "...a situation in which a single lexical item, meaning, function, or morphosyntactic category has two or more different phonological realizations depending on context." | Paster, 2014, p. 219 |

Minn dawn id-definizzjonijiet u oħrajn bħalhom, joħorġu għadd ta' osservazzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala karatteristiċi bażiċi ta' dawn it-tliet termini:

• hemm rabta b'saħħitha bejn l-allomorfija u l-kunċett tal-varjazzjoni,

• l-allomorfija titlaq minn kunċett wieħed iżda tirrealizza ruħha f'żewġ morfi, jew aktar, differenti,

• spiss tissemma wkoll il-fergħa lingwistika tal-fonetika/fonoloġija; dan jikkonferma li l-istudju tal-allomorfija jaqa' taħt il-morfofonoloġija,

• f'xi wħud mid-definizzjonijiet issir referenza għall-kunċett tad-distribuzzjoni kumplimentarja, kunċett dibattibbli li niddiskutih f'Bezzina (2020:20).

## 1.3. L-allomorfija taz-zokk u l-affissi

L-allomorfija bħala realizzazzjoni fonetika differenti ta' morfema partikolari tista' tidher kemm fiz-zokk kif ukoll fl-affissi. Haspelmath u Sims (2010, p. 22-23) u Booij (2019) jagħtu bosta eżempji mit-tnejn. Nippreżenta xi wħud minnhom hawn taħt.

Fost l-eżempji tal-allomorfija fl-affissi mogħtija minn Haspelmath u Sims (2010, p. 22) hemm tal-Korean, li għandu żewġ allomorfi tas-suffiss akkużattiv, *-ul* u *-lul*, li jidhru f'eżempji bħal:

| | | |
|---|---|---|
| *-ul* | *ton* "flus" | *ton-ul* "flus-akkużattiv" |
| *-lul* | *tali* "sieq" | *tali-lul* "sieq-akkużattiv" |

Hawnhekk jidher ċar li dawn iż-żewġ allomorfi qegħdin f'distribuzzjoni kumplimentarja, għax hija l-aħħar fonema taz-zokk li tiddetermina liema allomorf għandu jintuża. Huma jagħtu eżempju ieħor mit-Tork permezz tas-suffiss possessiv fl-ewwel persuna li għandu xejn inqas minn ħames allomorfi:

| | | |
|---|---|---|
| *-im* | *ev* "dar" | *ev-im* "dari" |
| *-üm* | *gün* "ġurnata" | *gün-üm* "il-ġurnata tiegħi" |
| *-um* | *tuz* "melħ" | *tuz-um* "il-melħ tiegħi" |
| *-ım* | *kız* 'tifla' | *kız-ım* 'binti' |
| *-m* | *baba* 'missier' | *baba-m* 'missieri' |

Meta jiġu biex jiddiskutu l-allomorfija fiz-zokk, joffru eżempji minn tliet lingwi: l-Ingliż, il-Ġermaniż u r-Russu. Fil-Ġermaniż, ngħidu aħna, ostruwent imleħħen isir imniffes meta jokkorri f'tarf is-sillaba:

| | |
|---|---|
| *Tage* /ˈtaːgə/ "ġranet" | *Tag* /taːk/ "ġurnata" |
| *Hunde* /ˈhʊndə/ "klieb" | *Hund* /hʊnt/ "kelb" |

Anke Booij, fl-analiżi tiegħu tal-Olandiż, jiddiskuti l-allomorfija fl-affissi. Jargumenta li fil-każ ta' prefissi nattivi, l-allomorfija hija riżultat ta' restrizzjonijiet (*constraints*) fonoloġiċi. Ngħidu aħna, l-allomorf [ɔ] tal-prefiss *-on* f'kelma bħal *onmogelijk* /ɔmoɣələk/ "impossibbli", hija r-riżultat tal-assimilazzjoni u d-deġeminazzjoni (*degemination*). Mhux l-istess jista' jingħad għall-allomorfija li tidher fi prefissi li mhumiex nattivi, li tintiret mil-lingwi sors, bħal-Latin u l-Grieg. Din l-allomorfija hi mifruxa sew f'lingwi oħra bħat-Taljan, l-Ispanjol, l-Ingliż u anki l-Malti. Nippreżenta hawn xi eżempji mill-Ingliż li huma xhieda ta' din l-allomorfija.

| Il-prefiss in- | | |
|---|---|---|
| *in-tolerant* | ɪntolə'rɑnt | "intolleranti" |
| *im-populair* | ɪmpopy'ler | "mhux popolari" |
| *in-consistent* | ɪŋkɔnsis'tɛnt | "inkonsistenti" |
| *il-legaal* | ɪle'xal | "illegali" |
| *ir-rationeel* | ɪrat(ʃ)o'nel | "irrazzjonali" |

Ngħidu aħna, il-prefiss *in-* għandu bosta allomorfi fl-Olandiż, fosthom *il-* bħal fil-kelma *il-legaal* 'illegali' u *ir-* fil-kelma *ir-rationeel* 'irrazzjonali'. Booij jargumenta li l-għażla tal-allomorf partikolari hija ddeterminata mill-ewwel fonema taz-zokk u li l-bidla sseħħ minħabba assimilazzjoni sħiħa jew parzjali. B'hekk jikkonkludi li l-allomorfija sservi biex tħaffef il-pronunzja.

B'rabta mal-Olandiż, Booij (2019) isemmi eżempju ta' allomorfija oħra li tikkonċerna l-morfema tal-plural. Jargumenta li s-suffissi *-en* u *-s* huma żewġ manifestazzjonijiet fonoloġiċi ta' din il-morfema u li l-għażla bejniethom tistrieħ fuq restrizzjoni fonoloġika li tapplika għall-kliem kollu nattiv. Hekk, *-en* tixref wara sillaba aċċentata filwaqt li *-s* tokkorri wara sillaba mhux aċċentata.

## 1.4. Kundizzjonament allomorfiku

F'ħafna xogħlijiet (Bauer, 2003; Haspelmath & Sims, 2010 fost ħafna oħrajn), l-allomorfija tinġabar fi tliet kategoriji, skont il-kundizzjonament lingwistiku li jirriżulta f'morfemi differenti.

Tajjeb inżommu f'moħħna li morfema partikolari ma tvarjax, iżda hija biss ir-rappreżentazzjoni tal-wiċċ (*surface representation*) li timmanifesta ruħha f'allomorfi differenti (Haspelmath & Sims, 2010, p. 23). Mela, meta r-rappreżentazzjoni tal-qiegħ (*underlying representation*) ta' morfema partikolari tiġi manipulata minn xi regoli (morfofonoloġiċi, morfoloġiċi jew lessikali) li japplikaw f'xi kuntest lingwistiku partikolari, tiġi prodotta rappreżentazzjoni tal-wiċċ li taf tvarja minn kuntest għal ieħor. Ir-rappreżentazzjoni tal-qiegħ hija astratta u ma tippreżentax xi forma ta' allomorfija.

L-aktar kundizzjonament espliċitu u komuni huwa dak fonoloġiku. F'din il-kategorija tal-allomorfi huwa l-kuntest fonoloġiku li jħoll u jorbot. Eżempju li spiss jingħata

fil-letteratura (Haspelmath & Sims, 2010; Mugdan, 1994) huwa l-morfema tal-plural fl-Ingliż li fuq il-livell ta' rappreżentazzjoni tal-wiċċ għandha tliet allomorfi, [-z], [-s] u [-əz]. L-allomorf [-əz] jokkorri wara sibilanti, bħal f'*face-s, maze-s, bush-es*, l-allomorf [-s] jixref wara ostruwent imniffes li mhux sibilant, bħal f'*cat-s, book-s*, waqt li [-z] jidher fil-bqija tal-kuntesti fonoloġiċi, bħal f'*bell-s, key-s*.

Mill-banda l-oħra, xi morfemi jbiddlu l-libsa skont il-kuntest morfoloġiku. Normalment, skont Haspelmath u Sims (2010), hija l-funzjoni grammatikali li tinfluwenza l-maġġorparti ta' dawn l-allomorfi kkundizzjonati morfoloġikament (p. 26). Jagħtu l-eżempju tal-verb Spanjol fl-infinittiv *ir* 'mar', li jinbidel f'*va-* fil-preżent u *fu-* fil-passat perfett. Allomorfija oħra kkundizzjonata grammatikalment tinstab fl-aġġettiv fil-Ġermaniż li jbiddel il-forma tiegħu skont il-ġens tan-nom li jimmodifika. Din il-bidla timmanifesta ruħha b'dan il-mod:

| |
|---|
| *ein gross-<u>er</u>* Wagen "karozza kbira" (m.) |
| *ein gross-<u>es</u>* Haus "dar kbira" (newtru) |
| *eine gross-<u>e</u>* Schlange "serp kbir" (f.) |

Fil-każ t'hawn fuq, is-suffiss la huwa kkundizzjonat mill-forma fonetika taz-zokk li jsegwih u lanqas mil-lessema partikolari li jkun qed jimmodifika. Fil-fatt, is-suffiss tal-aġġettiv jiddependi mill-ġens grammatikali tal-lessema. Dan hu għalhekk kundizzjonament grammatikali (Bauer, 2003, p. 16).

Fl-aħħar nett, jeżistu allomorfi li huma kkundizzjonati lessikalment. L-allomorfi li jaqgħu taħt din il-kategorija jistgħu jerġgħu jiġu kklassifikati fi tnejn: a) dawk li jbiddlu l-forma għal raġunijiet purament semantiċi, u b) dawk li jinbidlu għal xi raġuni li ma tistax tinġabar f'xi regola partikolari. Eżempju tal-ewwel tip insibuh fil-morfema tal-plural fil-Persjan li tirrealizza ruħha fis-suffiss *-an* meta tingħaqad ma' nomi umani waqt li tidher bħala *-ha* ma' nomi mhux umani (Haspelmath & Sims, 2010, p. 26):

| | |
|---|---|
| *mœrd* "raġel" | *mœrd-<u>an</u>* "rġiel" |
| *gorbe* "qattus" | *gorbe-<u>ha</u>* "qtates" |

Dawk li jaqgħu taħt it-tieni tip ma jistgħux jiġu spjegati bil-fonoloġija, il-grammatika jew is-semantika, iżda jkun hemm xi fattur ieħor, li minnu nnifsu ma jistax jiġi espress permezz ta' regola u li jinfluwenza l-bidla fil-forma. Bauer (2003, p. 16) jargumenta li l-proċess derivattiv fl-Ingliż li jnissel aġġettiv min-nom korrispondenti tiegħu jidħol perfettament f'dan il-kexxun minħabba li l-għażla ta' kull allomorf tiddependi mil-lessema partikolari, u għalhekk jeħtieġ li tiġi memorizzata mill-kelliem. Fi kliem ieħor, m'hemmx raġuni għala ċerti nomi jieħdu s-suffiss *-ial* bħal *editor-ial* u *professor-ial*, waqt li nomi oħra jieħdu s-suffiss *-al*, ngħidu aħna, *doctor-al*. Dan il-punt jagħmlu wkoll Lacobini (2010) meta jargumenta li "l-allomorfija kkundizzjonata lessikalment tiddependi mil-lessema inkwistjoni u mhijiex prevedibbli, lanqas b'regoli morfofonoloġiċi."[2]

## 2. L-Allomorfija fl-Għadd Imtenni

B'dan l-isfond ġenerali li tajt fuq l-allomorfija u kif taħdem f'għadd ta' lingwi, il-pass li jmiss hu li nanalizza l-fenomenu fil-Malti, b'mod partikolari fl-imtenni. Fit-teżina nittratta wkoll l-allomorfija fid-diminuttiv (Bezzina 2020, p. 76), iżda għal raġunijiet ta' spazju, f'dan l-artiklu niddiskuti l-imtenni biss, b'mod partikolari l-varjazzjoni fis-suffiss u xi mekkaniżmi morfofonoloġiċi, bħall-epenteżi u l-bidla fil-vokali.

### 2.1. Varjazzjoni fis-Suffiss

Hemm qasma interessanti bejn il-lingwisti li jittrattaw l-imtenni fil-Malti fejn tidħol il-varjazzjoni fis-suffiss. Waqt li wħud, bħal Vassalli (1827, p. 102), Panzavecchia (1845, p. 30) u Attard (2008, pp. 14-15), iqisu s-suffissi *-ejn* ~ *-ajn* bħala l-morfi abbinati mal-formazzjoni tal-imtenni, oħrajn, bħal Aquilina (1965, pp. 69-70), jelenkaw tliet suffissi: *-ejn* ~ *-ajn* ~ *-tejn*. Kif wieħed jista' jinnota, in-nuqqas ta' qbil jikkonċerna s-suffiss *-tejn* u l-istatus tat-*t* marbuta f'relazzjoni mal-kelma sħiħa. Din il-problema se tiġi diskussa wara li jiġi stipulat jekk hemmx regola fonoloġika li tispjega l-alternanza *-ejn* ~ *-ajn*.

Fil-letteratura hemm qbil dwar l-alternanza fonoloġika *-ejn* ~ *-ajn*. Sutcliffe (1936, pp. 34-36) u Aquilina (1965, pp. 69-70), fost l-oħrajn, jargumentaw li s-suffiss *-ajn* jitfaċċa biss wara nomi li (storikament) jispiċċaw b'gutturali, jiġifieri bl-<għ>, bl-<h> jew bil-<q>. Dawn il-fonemi,

[2] "In casi come questo si parla di allomorfia condizionata lessicalmente, in quanto la scelta dell'allomorfo dipende dal lessema in questione, e non è prevedibile a partire da condizioni di tipo fonologico."

/Ø/ (il-grafema <għ> tilfet il-ħoss tagħha matul iż-żmien iżda xorta baqgħet tesiġi s-suffiss *-ajn*), /h/ u /ʔ/, kif jidhru f'xi kliem bħal *subgħajn* /sʊˈbɐjn/, ġwenħajn /dʒwɛnˈhɐjn/, *saqajn,* /sɐˈʔɐjn/, mela, jirrikjedu suffiss għalihom li jitfaċċa dejjem meta jokkorru huma. Din l-osservazzjoni preliminari twassal għal tliet konklużjonijiet.

L-ewwel, jidher li dawn iż-żewġ suffissi qegħdin f'distribuzzjoni kumplimentarja għax l-okkorrenza ta' suffiss minnhom f'kuntest partikolari awtomatikament teskludi l-possibbiltà tas-suffiss l-ieħor.

It-tieni konklużjoni tirrigwarda l-għażla tas-suffiss *-ejn* bħala l-binja tal-qiegħ. Din l-għażla hi mibnija fuq ir-raġunament li taċċenna għalih Zsiga (2013) meta tistqarr li l-forma tal-qiegħ tkun dik li normalment titfaċċa fl-aktar kuntesti fonoloġiċi varji u li minnha jiġu derivati forom tal-wiċċ aktar ristretti (p. 227). Argument ieħor li jsaħħaħ din id-deċiżjoni huwa dak imsejjes fuq it-teoriji tal-grammatiku Panini li ħareġ bl-idea li l-każ speċifiku għandu jiġi kkunsidrat l-ewwel biex imbagħad, ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet oħra li jkunu aktar ġenerali u japplikaw għal kuntesti aktar varji[3]. Dan ifisser li skont ir-raġunament ta' Panini, l-ewwel għandna nistabilixxu liema alternant tas-suffiss jintuża fil-kuntesti l-aktar speċifiċi biex wara ngħaddu għall-alternant *-ejn,* li japplika f'kuntesti aktar ġenerali u, għalhekk, jista' jitqies bħala l-forma tal-qiegħ.

It-tielet konklużjoni tittratta l-klassifikazzjoni ta' Paster, diskussa f'taqsima 1.2.2.1 fit-teżina tiegħi. Għal għadd ta' raġunijiet, fosthom il-preżenza ta' rappreżentazzjoni tal-qiegħ waħdanija, (*-ejn*) u l-applikazzjoni ta' regola fonoloġika (*-ejn* tinbidel f'*-ajn*) applikata f'kuntest speċifiku (wara l-ħsejjes gutturali), din l-alternanza tidħol kexxun f'dak li jien sejjaħtlu Tip A (2020, p. 23), jiġifieri allomorfija fonoloġika prevedibbli.

Il-problema li aċċennajt għaliha ftit ilu tikkonċerna l-istatus taż-żieda *-tejn.* Waqt li xi wħud iqisuh alternant ieħor minbarra s-suffissi *-ejn* u *-ajn,* oħrajn (Borg & Azzopardi-Alexander, 1997, p. 175; Cachia, 1994, p. 98; Fenech, 1978, p. 47-49; M. Mifsud, komunikazzjoni personali, 5 ta' Diċembru, 2019) huma aktar inklinati li jqisu l-fonema /t/ fi kliem bħal *daqqtejn* /dɐʔˈʔtɛjn/ u *kelmtejn* /kɛlmˈtɛjn/ bħala l-fonema responsabbli għall-allomorfija fiz-zokk, jiġifieri [daqq] ~ [daqqt], eċċ.

[3] "This idea of taking the most specific case first, thus getting it out of the way so that succeeding statements could be made more generally, is originally due to the ancient Indian grammarian Panini, and is still known as Panini's Theorem."

It-*t* marbuta, fdal mill-Għarbi li kienet isservi bħala indikatur tal-femminil, tidher f'għadd ta' kategoriji grammatikali oħra bħall-istat kostrutt, ngħidu aħna *kelmet il-Malti* u f'xi kliem bil-pronom mehmuż bħal *ziti*. Għaldaqstant, minħabba l-okkorrenza tagħha f'dawn il-kategoriji grammatikali tant distinti, tkun aktar loġika l-konklużjoni li t-*t* marbuta titqies bħala l-kawża tal-allomorfija fiz-zokk milli fis-suffiss.

Possibilità oħra li tista' tiġi kkunsidrata hija l-istatus tat-*t* marbuta bħala interfiss. Il-problema b'din il-konklużjoni hija waħda. Fil-letteratura (Bauer, 2003, p. 30; Glottopedia, 2007) hemm qbil li l-interfiss, minnu nnifsu, ma jġorrx valur semantiku u jintuża bħala pont fonetiku biex jgħaqqad zkuk jew kliem. Fil-fatt, b'din l-osservazzjoni f'moħħna nistgħu nanalizzaw in-nom arkajku *thalassa* li, għalkemm ma niżżiltux fit-tabella, issemmih Brincat (2018, p. 19) fit-teżi tagħha. L-imtenni ta' dan in-nom rari huwa *thalassanejn,* biż-żieda tal-ħoss konsonantali /n/ bejn iz-zokk u s-suffiss. X'aktarx, li din il-fonema tista' titqies bħala interfiss minħabba li, skonti, qed taqdi biss rwol fonoloġiku.

## 2.2. Allomorfija fiz-Zokk: l-Epenteżi

Tajjeb li nibda billi ngħid kelmtejn fuq dan il-proċess fonoloġiku li jirreferi għal xi żieda li ssir f'xi morfema jew oħra. Skont Zsiga (2013), l-epenteżi tintuża sabiex jinfirdu sekwenzi ta' fonemi li jmorru kontra r-restrizzjonijiet fonotattiċi tal-lingwa (p. 241). Dan jikkonfermah Gordon (2016), li jqis l-epenteżi bħala strateġija li spiss tintuża biex jissewwew sillabi li ma jkunux ġew iffurmati b'mod korrett. Hu jeżemplifika dan l-argument bl-Għarbi tal-Kajr li f'xi kuntesti jdaħħal il-vokali epentetika [i], fi kliem bħal ʔult-lak li jeħtieġ din il-vokali epentetika sabiex il-konsonanti <t> tifforma sillaba aċċettabbli ʔul.ti-lak ("għedtlek") (p. 162).

Mil-lista mogħtija, ninnutaw li n-nomi *basla, ħofra, labra, loqma, qoxra, tibna, widna* u *wiżna* jdaħħlu vokali epentetika fit-tieni sillaba fl-imtenni tagħhom, jiġifieri *basaltejn* /bɐsɐlˈtɛjn/, ħofortejn /hɔfɔrˈtɛjn/, *labartejn* /lɐbɐrˈtɛjn/, *loqomtejn* /lɔʔɔmˈtɛjn/, *qoxortejn* /ʔɔʃɔrˈtɛjn/, *tibintejn* /tɪbɪnˈtɛjn/, *widintejn* /wɪdɪnˈtɛjn/ u *wiżintejn* /wɪzɪnˈtɛjn/. Din iż-żieda tirriżulta f'alternanza fiz-zkuk bil-forma KVKK ~ KVKVK(t) – [hɔfr] ~ [hɔfɔrt], [lɐbr] ~ [lɐbɐrt], eċċ.

Minn din l-analiżi nistgħu naslu għal żewġ osservazzjonijiet oħra. L-ewwel nett, ta' min ninnutaw il-kwalità tat-tielet radikali li, minn dawn l-eżempji, nistgħu nikkonkludu li tkun dejjem <l, m, n> jew <r>. Dan il-punt jikkonfermawh kemm Sutcliffe (1936) kif ukoll Borg u Azzopardi-Alexander (1997). Ngħidu aħna, tal-ewwel jistqarr li nomi fil-femminil li t-tielet radikali tagħhom tkun waħda minn dawn imsemmija, jeħtieġu vokali qaddejja qabel din il-konsonanti, inkella dawn il-fonemi, imħaxknin bejn żewġ konsonanti oħra, ma jkunux jistgħu jiġu ppronunzjati[4].

It-tieni osservazzjoni tikkonċerna l-kwalità tal-vokali epentetika. Mill-eżempji kollha miġbura li jinvolvu vokali epentetika, ninnutaw li fil-każi kollha, din tkun identika għall-vokali li tokkorri fis-sillaba preċedenti, sew jekk tkun /ɪ/ u sew jekk /ɐ/ jew /ɔ/. Din l-osservazzjoni hija kruċjali għaliex tikkonferma li din l-alternanza fiz-zokk, V ~ Ø, hija riżultat ta' epenteżi u mhux tneħħija (*deletion*). Il-preżenza ta' dawn il-vokali, li jirriflettu dejjem il-vokali preċedenti, twassal ukoll għall-ipoteżi li hemm l-armonija vokalika involuta. Gordon (2016, p. 134), Zsiga (2013, p. 237) u Fenech (ara taqsima 2.2.2 fit-teżina) iqisu l-armonija vokalika bħala tip ta' assimilazzjoni nonkontigwa, proċess ieħor fonoloġiku li jaf iwassal għal allomorfija fiz-zokk u li jispikka l-aktar fit-Tork fejn il-vokali kollha li jokkorru fis-suffiss jalternaw sabiex jarmonizzaw mal-vokali li tinsab fiz-zokk. Fil-Malti, kif targumenta Hume (2005, p. 1), il-vokali epentetika per eċċellenza hija /ɪ/. Għaldaqstant, f'nomi bħal *ħofortejn* u *labartejn*, nistgħu nargumentaw li hemm il-preżenza tal-vokali epentetika /ɪ/ li tibdel il-kwalità tagħha frott l-armonija vokalika.

L-epenteżi tista' tiġi espressa bir-regola:

$$\emptyset \rightarrow V / K ___ K$$ [5]

Din l-epenteżi tista' tiġi studjata wkoll minn lenti aktar fonoloġika li tinvolvi t-tiswir tas-sillaba u r-regoli fonotattiċi tal-Malti. Fil-fatt, li kieku kellna niffurmaw l-imtenni ta' dawn in-nomi mingħajr il-vokali qaddejja, jiġifieri */bɐs.ˈltɛjn/ jew */hɔf.ˈrtɛjn/ ninnutaw li l-onset tat-tieni sillaba tmur kontra r-regoli fonotattiċi tal-Malti. Dan jikkonfermah Galea (2016) li jargumenta li għenieqed konsonantali komposti minn sonorant + waqfa jmorru kontra l-iskala tas-sonorità ladarba l-ewwel konsonanti hija aktar sonora (*sonorous*) mit-tieni waħda. Sabiex din il-problema tiġi

[4] "Feminine nouns with the third radical l, m, n, għ, r require before it an auxiliary vowel, as otherwise these letters between two consonants could not be readily pronounced." (p. 35)

[5] Tiddaħħal vokali epentetika qabel konsonanti sonoranti f'għanqud konsonantali ta' tlieta.

megħluba, Galea jargumenta li f'dan il-kuntest spiss tintuża strateġija li tinserixxi l-vokali /ɪ/ qabel is-sonorant. B'riżultat ta' dan, tinħoloq sillaba ġdida li tinkludi l-vokali qaddejja u s-sonorant, li b'hekk telimina l-għanqud konsonantali bħala onset (p. 30).

## 2.3. Allomorfija fiz-Zokk: Bidla fil-Vokali

Nibda bil-bidliet kwantitattivi. In-nomi *id, inbid* u *jum* jgħaddu minn bidla fit-tul tal-vokali mis-singular għall-imtenni. Jidher li din il-bidla hija marbuta maċ-ċaqliq tal-aċċent fil-kelma. Meta l-aċċent jimxi fuq sillaba oħra fil-kelma, il-vokali twal /iː/ u /uː/ jiqsaru u jsiru /ɪ/ u /ʊ/ rispettivament fis-sillaba korrispondenti.

Din l-osservazzjoni hi kkonfermata minn Borg (1975), li jgħid li kwalunkwe bidla fl-aċċent tal-kelma li hi assoċjata ma' proċessi grammatikali, tkun spiss akkumpanjata minn bidla fit-tul vokaliku[6] (p. 20). Zsiga (2013) tikkategorizza bidliet vokaliċi bħal dawn bħala każi ta' lenizzjoni (*lenition*), waqt li ssemmi r-rabta li dan il-proċess fonoloġiku għandu mal-aċċent tal-kelma (p. 240).

Bidla oħra li hija akkumpanjata minn bidliet fl-aċċent hija dik osservata fl-eżempji *ġbejna - ġbintejn* u *ħbejża - ħbiżtejn*. F'dawn iż-żewġ nomi, ninnutaw bidla minn dittong /ɛj/ għal monottong /ɪ/. Nistgħu ngħidu wkoll li z-zokk tagħhom għandu żewġ allomorfi, [dʒbɛjn] ~ [dʒbɪnt] u [hbɛjz] ~ [hbɪst] li jitfaċċaw skont il-pożizzjoni tal-aċċent fil-kelma.

Insibu wkoll bidliet kwalitattivi fil-vokali fin-nomi *ħaġeb, koxxa, xkora* u *xoffa*. Tnejn minnhom, jiġifieri *koxxa* u *xoffa,* ibiddlu l-vokali minn /ɔ/ għal /ʊ/, bidla li hija marbuta maċ-ċaqliq fl-aċċent tal-kelma. Din il-bidla tista' wkoll tiġi kkategorizzata bħala lenizzjoni ladarba, kif jargumenta Gordon (2016), vokali mgħollija (*raised*) f'sillabi mhux aċċentati tinvolvi tnaqqis fis-sonorità u għaldaqstant tingħata anqas attenzjoni lis-sillaba li ma tkunx għadha prominenti minħabba t-telf tal-aċċent (p. 155). Din il-bidla jsemmiha wkoll Scicluna (2017, p. 33) li jagħmel referenza għal meta l-vokali <o> titlef l-aċċent fit-tlissin. B'rabta ma' dawn iż-żewġ nomi, ta' min wieħed jinnota l-preżenza tal-varjanti *koxxtejn* u *xofftejn*.

Il-bidla kwalitattiva li tiġi osservata fin-nom *ħaġeb - ħuġbejn* tista' wkoll tiġi kklassifikata bħala lenizzjoni ladarba tinvolvi tgħollija (*raising*) tal-vokali, f'kuntest li jinvolvi t-telf tal-aċċent, mill-fonema /ɐ/ għal /ʊ/.

[6] "In Maltese, stress tends to co-occur with vocalic length. Thus, any stress shift concomitant with grammatical processes is often accompanied by loss or displacement of vocalic length."

Mill-banda l-oħra, il-bidla kwalitattiva (u kwantitattiva) osservata fin-nom *xkora - xkertejn* hija daqsxejn aktar problematika. Sinkronikament, nosservaw tqaddim (*fronting*) tal-vokali minn /ɔː/ għal /ɛ/ u bidla fil-kwantità tal-vokali minħabba ċ-ċaqliq tal-aċċent. Biss, jekk nikkunsidraw dan l-eżempju mil-lat dijakroniku, aktarx li fi stadju bikri, il-bidla kienet *a - e*, [ʃkɐːr] ~ [ʃkɛrt] u mhux *o - e* [ʃkɔːr] ~ [ʃkɛrt]. Spagnol (komunikazzjoni personali, 4 ta' April, 2020) jargumenta li l-bidla minn *xikāra* (<Għarbi) għal *xkōra* fil-Malti standard aktarx seħħet bi proċess ta' iperkorrezzjoni. Jekk inżommu ma' din it-teorija, nistgħu nargumentaw li din il-bidla kienet tinvolvi tgħollija tal-vokali u għaldaqstant tista' tiġi kklassifikata bħala lenizzjoni.

Fl-aħħar nett, insibu l-bidliet kwalitattivi li nosservaw fin-nomi *siegħa - sagħtejn* u *sieq - saqajn*. Il-bidla hawnhekk hija mill-fonema /ɪ/, qasira jew twila, għall-fonema /ɐ/. Jista' jkun li huma l-fonemi gutturali li qed ikollhom effett fuq il-kwalità tal-vokali, b'mod partikolari fil-każ ta' *sieq - saqajn*. Minħabba li s-suffiss, f'dan il-każ, irid ikun *-ajn*, aktarx li seħħet armonizzazzjoni vokalika, jiġifieri l-vokali li tinsab fis-sillaba ta' qabel tal-aħħar bidlet il-kwalità tagħha u saret tixbah lil dik li tokkorri fis-suffiss, biex titħaffef il-pronunzja. Dawn jeħtieġu aktar studju.

## L-Għeluq

Minn din l-analiżi tal-imtenni u mill-analiżi tad-diminuttiv fit-teżina tiegħi (ara Bezzina, 2020, p. 76) jistgħu jinsiltu xi tendenzi u konklużjonijiet li se niġborhom fil-punti t'hawn taħt:

• Jidher li l-allomorfija ma ġġibx ruħha b'mod differenti quddiem kategoriji inflettivi jew derivattivi. Tant hu hekk li l-mekkaniżmi tat-tneħħija, tal-lenizzjoni (tniffis finali u bidliet kwalitattivi tal-vokali) u t-taqsir tfaċċaw kemm fl-imtenni (kategorija inflettiva) u kemm fid-diminuttiv (kategorija derivattiva). Huwa biss il-mekkaniżmu tal-metateżi li ma tfaċċax fid-diminuttiv.

• Iċ-ċaqliq tal-aċċent fil-kelma u r-regoli fonotattiċi tal-Malti jirriżultaw f'għadd ta' alternanzi. Nistgħu ngħidu li fil-maġġorparti tal-każijiet, l-epenteżi, it-tneħħija, il-lenizzjoni f'forma ta' bidliet kwalitattivi fil-vokali u t-tnaqqis fil-vokali huma riżultat ta' dan.

• Il-varjazzjoni <o> ~ <u> tfeġġ kemm fl-imtenni kif ukoll fid-diminuttiv. Sibt li din il-varjazzjoni titfaċċa f'diversi kategoriji u partijiet tad-diskors fil-Malti li lkoll għandhom komuni ċ-ċaqliq tal-aċċent primarju, bħal *arloġġ - arluġġar* u *sploda - splużjoni*.

• Ir-relazzjoni tar-rappreżentazzjoni

tal-qiegħ vis-à-vis tal-wiċċ hija importanti ħafna. Filwaqt li r-rappreżentazzjoni tal-qiegħ tista' tiġi attribwita lill-komponent tal-morfoloġija, ir-rappreżentazzjonijiet tal-wiċċ differenti li joħorġu minn forma tal-qiegħ waħdanija huma attribwiti lill-komponent fonoloġiku. Din ir-rabta bejn dawn iż-żewġ fergħat lingwistiċi tikkonferma li analiżi allomorfika tabilħaqq taqa' taħt il-fergħa tal-morfofonoloġija.

## Biblijografija


Aquilina, Ġ. *Teach yourself Maltese*. London: English U.P., 1965.

Attard, A. *The dual number in the Maltese language: A linguistic study (Maltese language series)*. Victoria, Gozo: L-awtur, 2008.

Bauer, L. *Introducing linguistic morphology* (It-2 ed.). Edinburgh U.P., 2003.

Berg, T. A diachronic frequency account of the allomorphy of some grammatical markers. *Journal of Linguistics, 47*(1), 31-64. Miġjuba fl-2011 minn https://www.jstor.org/stable/41261740

Bezzina, R. *L-allomorfija fil-Malti: B'referenza speċjali għall-imtenni u d-diminuttiv* (Teżi tal-Baċellerat). L-Università ta' Malta, 2020.

Booij, G. Taalportaal: Allomorphy. Miġjuba fl-2019 minn http://www.taalportaal.org/taalportaal/topic/pid/topic-14020545829511269#

Borg, A. Maltese Morphophonemics. *Journal of Maltese Studies, 10*, 11–28, 1975.

Borg, A., & Azzopardi-Alexander, M. *Maltese*. London: Routledge, 1997.

Cachia, L. *Grammatika ġdida tal-Malti*. Malta: L-awtur, 1994.

Fenech, E. *Contemporary journalistic Maltese: An analytical and comparative study*. Leiden: Brill, 1978.

Galea, L. *Syllable structure and gemination in Maltese* (Teżi tal-PhD). Ġermanja: Universität zu Köln, 2016.

Glottopedia. Interfix. Miġjuba fl-2007 minn http://www.glottopedia.org/index.php/Interfix

Gordon, M. *Phonological typology*. Oxford U.P., 2016.

Haspelmath, M., & Sims, A. *Understanding morphology* (It-2 ed.). Hodder Education, (2010).

Hume, E. *Predicting Epenthesis: An Information-theoretic Account*. 7th Annual Meeting of the French Network of Phonology. The Ohio State University, 2005.

Lacobini, C. (2010). "Allomorfi." Miġjuba minn http://www.treccani.it/enciclopedia/allomorfi_%28Enciclopedia-dell%27Italiano%29/

McCarvel, M. Kelly. *Allomorphic variation of definite articles in Jersey: a sonority based account* (Teżi tal-Masters). Miġjuba minn Graduate Student Theses, Dissertations, & Professional Papers, 2010.

Mugdan, J. "Morphological units." F'R. E. Asher & J. M. Y. Simpson (Ed.), *The encyclopedia of language and linguistics* (pp. 2543-2553). Pergamon, 1994.

Panzavecchia, F. *Grammatica della lingua maltese, spiegata secondo i principi delle lingue orientali e della lingua italiana*. Malta: Tipografia Di M. Weiss, 1845.

Paster, M. Allomorphy. F' R. Lieber & P. Štehauer (Eds.), *The oxford handbook of derivational morphology* (pp. 219-234). USA: Oxford U. P., 2014.

Scicluna, K., Agius, S., & Giordano, C. *Inħaddem il-Malti tajjeb: Manwal prattiku tal-grammatika*. San Ġwann: BDL, 2018.

Sutcliffe, E. F. *A grammar of the Maltese language: With chrestomathy and vocabulary* (2nd ed.). London: Geoffrey Cumberlege, 1936.

Thornton, A. "Stem allomorphs or suffix allomorphs? On Italian derivatives with antesuffixal glides." *Mediterranean Morphology Meetings, 1*, 86-98. doi: https://doi.org/10.26220/mmm.2346, 1997.

Vassalli, M. *Grammatica della lingua maltese*. Malta, 1827.

Zsiga, E. *The sounds of language: an introduction to phonetics and phonology.* Wiley-Blackwell, 2013.